MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1057/2004

**Peter Sullivan**

**Vs**

**Joseph Scicluna**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm261.96c) rapprezentanti danni minnu subiti fil-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni SUL 101 misjuqa minn ibnu Timothy Sullivan b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-18 ta' Lulju, 2003 meta ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha ghalkemm ammetta r-responsabbilta', kkontesta l-*quantum*.

Sema' x-xhieda ta' Peter Sullivan, il-konvenut, Walter Vella, Godfrey Azzopardi u Carmel Debattista.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' t-trattazzjoni ta' Dr Christian Farrugia ghall-attur u Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Timothy Sullivan kien qed isuq il-vettura SUL 101 fi Triq il-Palazz ta' Capua, Sliema meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura XIC 222 hareg minn Triq Guze Muscat Azzopardi li hija *side road* u laqat il-vettura misjuqa minn Sullivan fil-genb.

Il-konvenut mill-ewwel ammetta r-responsabbilta' w offra li l-karozza ta' Sullivan tigi rriparata ghand it-tellar Charles Debattista.

Ftit wara l-vettura ttiehdet ghand Debattista u hemmhekk qamet vertenza fis-sens illi r-rapprezentant ta' l-attur (ghaliex l-attur dakinhar kien imsiefer u baghat lil xi hadd bil-karozza) beda jallega li kien hemm certu entita' ta' hsarat mentri l-konvenut beda jallega li l-hsarat kienu ferm inqas.  Dakinhar kien hemm prezenti wkoll Godfrey Azzopardi.

M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, illi dakinhar li l-vettura ttiehdet ghand Debattista kien fiha l-hsarat li eventwalment gew irriparati minn Debattista.  Il-kwistjoni hija jekk dawn il-hsarat kienux kollha rizultanti mill-kollizjoni in kwistjoni.

F'dan ir-rigward, l-unici persuni li xehdu dwar kif kienu d-danni fil-vetturi dakinhar ta' l-incident huma l-konvenut kif ukoll Peter Sullivan li gie wara l-incident u ra l-vetturi.

Il-partijiet ma gabux il-pulizija u b'hekk m'hemmx rapport u *sketch*.  Lanqas ma ttiehdu ritratti *a tempo vergine.*

M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi bieba wahda ntlaqtet waqt il-kollizjoni u l-konvenut dejjem sostna illi

huwa kien pront li jaghmel tajjeb ghall-hsarat rizultanti f’din il-bieba. Hu kien anki deherlu li d-danni li ghandu jhallas ghalihom jammontaw ghal xi tletin lira Maltin (Lm30). Il-kwistjoni hija jekk il-konvenut ghandux iwiegeb ghar-riparazzjonijiet fuq il-bieba ta’ wara u fuq il-*mudguard* ta’ quddiem.

Fuq dawn iz-zewg hsarat ta’ l-ahhar hemm kunflitt car.

F’kazijiet simili l-piz tal-prova tispetta lill-atturi u dment li l-atturi ma jirnexxilhomx jghelbu l-grad tal-prova rikjest minnhom, il-konvenut m’hu obbligat jipprova xejn.

L-attur ikkonferma bil-gurament li d-danni subiti huma dawk li jinsabu elenkati fis-*survey report* ta’ Walter Vella u cjoe’ l-istess danni li gew irriparati minn Debattista.

Il-konvenut da parti tieghu jghid illi ghalkemm huwa minnu li l-vettura kien fiha dawn il-hsarat, dawn m’humiex kollha mputabbli ghalih u minn meta l-vettura ttiehdet ghand Debattista, l-konvenut mill-ewwel ilmenta illi l-entita’ tal-hsarat kienet inqas minn dik li kien qieghed isostni l-attur.

Huwa evidenti li hemm kunflitt serju bejn il-partijiet u ghalkemm it-Tribunal sema’ z-zewg partijiet *viva voce* ma setax jasal ghall-konkluzjoni li l-attur irnexxielu jgib prova sodisfacenti u konklusiva dwar l-entita’ shiha tad-danni ghalkemm m’huwiex eskluz li d-danni lmentati possibilment graw b’rizultat ta’ l-incident

Illi ghalhekk id-danni li qed jigu llikwidati u li ghalihom il-konvenut ser jigi kkundannat ihallas huma dawk rizultanti f’bieba wahda li fil-fatt inbidlet.

It-tellar Debattista qal, li sabiex tigi rriparata bieba wahda r-riparazzjonijiet jitilghu ghal mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) bhala *panel beating*, *spray* u bdil tal-bieba *(second-hand)* billi din kellha tinbidel u maghhom wiehed irid izid ghaxar liri Maltin (Lm10) ghall-*parts* li jgibu total ta’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm145).

Ma' din is-somma wiehed ghandu jzid ukoll it-tlett ijiem *loss of use* bir-rata ta' hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75c) kull gurnata u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm11.50c) *motor survey report* – total ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm173.75c) li huwa l-valur tad-danni li gew sodisfacentement pruvati li gew ikkawzati mill-konvenut.

Stante li dan l-ammont huwa inqas mill-ammont mitlub ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm173.75c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.  L-ispejjez ikunu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------